MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta ta' l-24 ta' Ottubru, 2007

Rikors Numru. 917/2007

**Festa Limited**

**vs**

**Louis R. Naudi**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors maħluf imressaq fil-31 ta’ Awissu, 2007, li bih u għar-ragunijiet hemm imfissra l-kumpannija rikorrenti talbet li l-Qorti terga’ tagħmel eżekuttiva sentenza mogħtija fis-26 ta’ Ġunju, 1997 fil-kawża fl-ismijiet premessi (Ċit nru 2233/96 GC) u dan billi għaddew aktar minn għaxar (10) snin minn meta l-imsemmija sentenza saret eżekuttiva;

Rat li l-intimat notifikat ma ppreżentax risposta u lanqas deher għar-rikors meta ssejjaħ;

Rat li r-rappreżentant tal-kumpannija kkonferma bil-ġurament il-kontenut tar-rikors u iddikjara li ma tħallas xejn fil-mori ta' dawn il-proċeduri.

Illi għalhekk it-talba tal-kumpannija rikorrenti tirriżulta ġustifikata u għalhekk tilqa' t-talbiet tal-istess rikorrenti.

Bl-ispejjeż kontra l-intimat

**Moqrija**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------